MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1465/2001/1

**Avukat Carmelo Castelli ghan-nom u in rapprezentanza tal-organizzazzjoni estera Commercial Italian American Organisation (CIAO) u s-socjeta` estera Trident s.r.l. u b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2005 l-atti tal-kawza gew legittimati f'isem l-Avukat Anna Mallia bhala mandatarja specjali tal-Organizzazzjoni estera Commercial Italian American Organisation (CIAO) u s-socjeta` estera Trident s.r.l.**

**v.**

**Focal Maritime Services Limited**

**Thomas Smith & Co. Ltd**
**Air Malta plc**
**L-Avukat Dr Beppe Fenech Adami u**
**l-PL Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tal-10 ta' Settembru 2001**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta`**
**estera Delta Airlines u b'digriet datat 28 ta' Ottubru 2005**
**l-istess kuraturi deputati gew sostitwiti b'Dr Tonio Fenech u Dr Nicolai Vella Falzon bhala mandatarji specjali tal-istess socjeta` estera Delta Airlines**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa provvediment fuq talba ta' Dr. Anna Mallia, maghmul b'rikors tat-23 ta' Awwissu, 2011, biex jigi rrevokat id-digriet tas-7 ta' Ottubru, 2005, li bih hija nhatret mandatarja specjali tas-socjetajiet esteri Commercial Italian American Organisation (CIAO) u Trident s.r.l., u l-istess socjetajiet esteri jibqghu fil-kawza f'isimhom biss. Dan qed tissottometti li jista' jsir fid-dawl ta' diversi Regolamenti tal-Unjoni Ewropeja li jikkontemplaw ftuh ta' kawzi u esekuzzjoni ta' sentenzi min jew kontra persuni residenti f'pajjizi differenti, membri tal-Unjoni Ewropeja.

Hu veru li d-diversi Regolamenti jippermettu li partijiet mhux domiciljati Malta jistghu jressqu kawzi f'qorti estera jew anke quddiem il-qrati Maltin kontra persuni residenti Malta, u vice versa, u l-atti ta' kawza miftuha f'pajjiz jistghu u ghandhom jigu servuti fuq il-persuna nfisha hekk residenti f'pajjiz iehor, izda l-metodologija kif dan isir tigi regolata mill-pajjiz fejn tinfetah jew tigi enforzata kawza. Issa fil-kuntest Malti l-ligi trid li kawza tinfetah b'rikors li jrid jigi mahluf mill-attur jew wiehed mill-atturi. Il-ligi trid ukoll li min jiftah jew jiddefendi kawza jrid ikun prezenti f'Malta, tal-anqas waqt is-smigh tal-kaz, u f'kaz ta' persuna assenti jkollhom jinhatru kuraturi kif jiddisponi l-Artikolu 929 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-Artikolu 930 jghid ukoll li l-hatra ta' kuraturi tista' ssir fis-smigh tal-kawza, meta din il-hatra ssir mehtiega wara li

tkun bdiet il-kawza; il-hatra ta' kuraturi ssir "fl-interess ta' nies assenti", fost cirkostanzi ohra.

F'kaz ta' socjeta`, avolja din tista' tagixxi u tigi citata f'kawza f'isimha biss, jehtieg ukoll li jkun hawn Malta persuna fizika li jirrapprezentaha, ghax jekk il-persuna jew persuni li jkunu moghtija r-rapprezentanza tas-socjeta` jew tal-ghaqda jkunu assenti minn Malta, l-Artikolu 929(d) tal-Kodici imsemmi jesigi l-hatra ta' kuraturi biex jirrapprezentaw lill-istess socjeta`; dan il-provvediment tal-ligi jghodd ukoll ghal "kull ghaqda ta' persuni jew organizzazzjoni ohra" kif jaqghu li jkunu klassifikati zgur is-socjetajiet attrici f'dan il-kaz.

Dan ifisser li s-socjeta` estera tista' zgur tiftah kawzi hawn Malta, pero`, trid tkun rapprezentata minn xi persuna residenti Malta jekk ma tridx li jinhatru kuraturi biex jirrapprezentawha (ara wkoll l-Artikolu 180(1)(a) tal-Kodici imsemmi). Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Commonwealth Educational Society Ltd v. Camilleri**, deciza fit-2 ta' Gunju 2003, kienet ukoll osservat li kawza istitwita minn socjeta` estera hija nulla jekk din ma jkollhiex rapprezentanza lokali.

F'dan il-kaz kienu s-socjetajiet attrici stess li talbu li tinhatar Dr. Anna Mallia bhala "mandatarja specjali" taghhom, u l-avukat accettat li hekk tinhatar; l-ewwel Qorti, b'digriet tas-7 ta' Ottubru, 2005, laqghet it-talba. Din il-Qorti mhux qed tghid li Dr. Mallia ma tistax tirrinunzja ghal mandat specjali li nghatalha, pero`, mhux biss trid terfa' r-responsabbilita` legali ghal dan, izda s-socjetajiet attrici jkunu jridu jahtru rapprezentant iehor jew ohra biex ikunu jistghu jissokktaw bl-appell taghhom.

Kawza f'Malta tista' tinfetah u titkompla minn barranin, basta jkollhom xi hadd f'Malta li jidher ghalihom, u dan il-principju ta' procedura Malti ma giex b'xi mod mittiefes jew mibdul wara d-dhul ta' Malta bhala stat membru fl-Unjoni Ewropeja.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba ta' Dr. Anna Mallia nomine kif kontenuta fir-rikors taghha tat-23 ta' Awwissu, 2011.

Spejjez riservati.

Il-kawza hi differita ghal kontinwazzjoni ghas-seduta ta' nhar it-Tlieta ghoxrin (20) ta' Marzu 2012 fid-disgha u nofs ta' filghodu (9.30am).

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------